MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 181/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Emanuel Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Calleja detentur tal-karta tal-identita` numru 557862(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar it-20 ta' Awissu 2013, ghall-habta ta' 22.00 hrs gewwa Marsaxlokk, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roderick Chetcuti skont kif iccertifikat minn Dr Michael Spiteri MD 2666 u Dr A Bezzina MD 3559 tal-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli f'l-istess data, lok, hin u cirkustanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

3. Finalment akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza, cioe` Roderick Chetcuti jew jew ghaz-zamm tal-ordni pubbliku, jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib ssib lill-imputat Emanuel Calleja hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.  Kif ukoll tpoggih taht ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali li qieghed jifforma parti integrali mas-sentenza odjerna.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## **< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------